

Brussell, 20 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9552/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0080(NLE)

AVIATION 69
RELEX 675
COEST 425

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi rigward is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
- (2) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni nneozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (il-
'Ftehim'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fl-14 ta' Ottubru 2024.
- (3) L-objettiv tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 16-il Stat Membru u l-Każakistan jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (il-“Ftehim”) b’dan qed jiġi awtorizzat f’isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tat-tali Ftehim¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-konklużjoni tiegħu.